31996R1742

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru. 1742/96

tas-6 ta' Settembru 1996

li jemenda L-Annessi I, II u III ta' Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistabilixxi proċedura tal-Komunità għall-istabbiliment ta' limiti massimi ta' residwu ta' prodotti mediċinali veterinarji fi prodotti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2377/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 li jistabilixxi proċedura tal-Komunità għat-twaqqif tal-limiti massimi ta' residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji fi prodotti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1433/96 [2] u b'mod partikolari l-Artikoli 6, 7 u 8 dwar dan,

Billi, b'mod konformi mar-Regolament (KEE) Nru 2377/90, limiti massimu ta' residwu jridu jiġu stabbiliti progressivament għal kull sustanza farmakoloġikament attiva li hi wżata fil-Komunità fi prodotti mediċinali veterinarji maħsuba għat-teħid lill-annimali li jipproduċu l-ikel;

Billi limiti ta' residwu massimu għandhom jiġu stabbiliti biss wara eżami fi ħdan il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Veterinarji ta' l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-sigurtà ta' residwi tas-sustanza kkonċernata għall-konsumatur ta' prodotti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali u l-impatt ta' residwi fuq l-ipproċessar industrijali ta'prodotti tal-ikel.

Billi, fit-twaqqif tal-limiti massimu ta' residwu għal residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji fi prodotti tal-ikel li ġejjin mill-annimali, huwa meħtieġ li tiġi speċifikata l-ispeċi ta' l-annimali li fihom residwi jistgħu ikunu preżenti, il-livelli li jistgħu ikunu preżenti f'kull wieħed mit-tessuti tal-laħam rilevanti miksuba mill-annimal ittrattat (tessut bersal) u n-natura tar-residwu li hi rilevanti għall-monitoraġġ ta' residwi (residwu markatur);

Billi, għall-kontroll ta' residwi, kif ipprovdut f'leġiżlazzjoni xierqa tal-Komunità, limiti ta' residwu massimi għandhom ġeneralment jiġu stabbiliti għat-tessuti bersalji ta' fwied jew kliewi; billi, madankollu, il-fwied u l-kliewi huma ta' spiss imneħħija mill-karkassi li jiċċaqalqu fil-kummerċ internnazzjonali, u limiti ta' residwu massimu għandhom għalhekk dejjem jiġu stabbiliti għall-tessuti ta' muskolu jew grass;

Billi, fil-każ ta' prodotti mediċinali veterinarji maħsuba għall-użu f'għasafar li jbidu, annimali li jagħmlu l-ħalib jew żunżan li jagħmlu l-għasel, limiti massimi ta' residwu għandhom jiġu stabbiliti għal bajd, ħalib jew għasel;

Billi, amitraz (għal qżieqez) għandu jiġi mdaħħal f'L-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru. 2377/90;

Billi cetrimide, lobelline, pancreatin, chlorocresol, thymol u ketoprofen (għall-qżieqez) għandhom jiġu mdaħħla f'L-Anness II għar-Regolament (KEE) Nru 2377/90;

Billi, sabiex tippermetti għat tlestija ta' l-istudji xjentifiċi, amitraz (għal bovini u ovini) għandu jiġi mdaħħal f'L-Annessi III mar-Regolament (KEE) Nru 2377/90;

Billi perjodu ta' 60 jum għandu jkun permess qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex jippermetti lill-Istati Membri biex jagħmlu kull bidla li tista' tkun meħtieġa għall-awtoriżżazzjonijiet biex il-prodotti mediċinali veterinarji kkonċernati li ġew mogħtija b'mod konformi mad-Direttiva tal-Kummissjoni 81/851/KEE [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/40/KEE [4] biex jittieħed akkont tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jitqegħdu fis-suq

Billi l-miżuri li għalihom hemm iprovdut f'dan ir-Regolament huma skond il-fehma tal-Kumitat Permanenti fuq Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADDOTTAT IR-REGOLAMENT LI ĠEJ:

L-Artikolu 1

L-Annessi I, II u III tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 huma b'dan hawn emendati kif imfassal fl-Anness hawnhekk.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-60 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 1.
[2] ĠU L 184, ta' l-24.7.1996, p. 21.
[3] ĠU L 317, tas-6.11.1981, p. 1.
[4] ĠU L 214, ta' l-24.8.1993, p. 31.

Dan ir-Regolament huwa rabta fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Settembru 1996.

Għall-Kummissjoni
Martin BANGEMANN
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

REGOLAMENT (KEE) Nru 2377/90 hu modifikat kif ġej:

A. L-Anness I hu modifikat kif ġej:

2. Aġenti anti-parassitiċi

2.2. Aġenti li jaġixxu kontra l-ekto-parassiti

2.2.2. Formamidines

Sustanza farmakoloġikament attiva	Residwu markatur	Speċi tal-annimal	LMR	Tessut bersall	Dispożizzjonijiet oħra
"2.2.2.1. Amitraz	Somma ta' amitraz u kull metabolit li jkun fih il-parti 2,4-DMA mfissra bħala amitraz	Qżieqez	400 µg/kg	Grass + ġilda	
			200 µg/kg	Fwied, kliewi"	

B. L-Anness II hu modifikat kif ġej:

2. Komposti organiċi

Sustanza(/i) farmakoloġikament attiva(/i)	Speċi tal-annimal	Dispożizzjonijiet oħra
"2.30. Ketoprofen	Qżieqez	
2.57. Centrimide	Kull speċi li jipproduċi l-ikel	
2.58. Lobeline	Kull speċi li jipproduċi l-ikel	
2.59. Pancreatin	Kull speċi mammifera li tipproduċi l-ikel	Għal użu topikali biss"
2.60. Chlorocresol	Kull speċi li jipproduċi l-ikel	
2.61. Thymol	Kull speċi li jipproduċi l-ikel	

Ċ. L-Anness III hu modifikat kif ġej:

2. Aġenti anti-parassitiċi

2.2. Aġenti li jaġixxu kontra l-ekto-parassiti

2.2.1. Formamidini

Sustanza farmakoloġikament attiva	Residwu markatur	Speċi tal-annimal	LMR	Tessut bersall	Dispożizzjonijiet ohra
"2.2.2.1. Amitraz	Somma ta' amitraz u kull metabolit li jkun fih il-parti 2,4-DMA mfissra bhala amitraz	Bovini	200 µg/kg	Fwied, kliewi, grass	LMR proviżorji jiskadu fl-1 ta' Lulju 1998"
			10 µg/kg	Ħalib	
		Ovini	400 µg/kg	Grass	
			200 µg/kg	Fwied, kliewi	